MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 116

**It-Tnejn 27 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-erbgħa u nofs (4:30apm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera
Marija Micallef – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

NIL

**ASSENTI**

Angelo Agius - Kunsillier

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: MS Vella Gafà; Viċi-Sindku: M. Micallef Kunsilliera: S. Caruana , A. Amri Brincat u A.Agius

## AĠENDA

116.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

116.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

116.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

116.4 Approvazzjoni tal-Management Letter u r-Risposta tal-Kunsill għal Management Letter 2023;

116.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2024;

116.6 Skema ta' Parkeġġ Għar-Residenti – Resident Priority Parking Scheme;

116.7 SPI/SC/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar Nodfa;

116.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

116.9 Rapporti;

116.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
- a. Ġnien Raymond Caruana – progress
- b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
- c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
- d. Proġett tal-Pjazza – progress
- e. Proġett ta' Parkeġġ fi Triq Ħal-Resqun
- f. Xogħlijiet fil-latrina ta' Ġnien Raymond Caruana

116.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

116.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti
### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa neqsin għaxra ta' filgħaxija wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 116.01 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

116.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva l-minuti nru 115/08 nem con.

116.03 **Komunikazzjoni mis-Sindku;**

116.3.1 Preżentat ir-Rapport preparat mill-Contracts Manager għax-xahar ta' Mejju 2024. Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li Clean Malta kienu ser jieħdu ħsieb it-tindif tal-lokalita' billi ser jintbgħatu kenniesa minn naħa tagħhom. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tinkines Triq San Ċiru.

116.3.2 Ġiet preżentata korrispondenza dwar PA2428/23 fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser isir laqgħa nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju fl-10.30am fuq is-sit.

116.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-applikazzjoni dwar il-Community Gardens ġiet approvata mid-DLG u għalhekk il-Kunsill ser ikun qed jingħata fondi biex isiru xogħlijiet fil-Housing Estate.

116.3.4 Preżentata korrispondenza dwar attivita li ser titella' mill-Grupp Armar Santa Marija nhar il-31 ta' Mejju 2024 quddiem il-Knisja ta' Loreto. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

116.3.5 Preżentata korrispondenza dwar diversi attivitajiet li ser jitgħellu mill-każin La Stella matul ix-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awwissu fil-belveder ta' Loretu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

116.3.6 Preżentata talba sabiex isir lampa ġdida fuq wara tal-ground tal-Gudja FC (fejn hemm l-għelieqi). Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

116.3.7 Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li nhar l-Erbgħa ser isir il-press conference fi Ġnien Ġlormu Cassar biex jiġi nawgurat ix-xogħol ta' manutenzjoni li sar f' dan l-istess ġnien permess ta' għajnuna li ngħatat mid-DLG.

116.3.8 Ġiet preżentata korrispondenza dwar talba biex isir yellow line biex ma jipparkjawx vetturi fejn daħla ta' għalqa fi Triq Ħal Resqun (quddiem l-parking tal-ajruport). Il-Kunsill talab sabiex jara jekk dik iż-żona hux privata.

116.3.9 Is-Sindku għamlet referenza għal bollard li ġiet nstallata fi sqaq fi Triq Santa Katerina, fejn ir-residenti ta' dan l-isqaq talbu sabiex ikollhom ċavetta ta' din il-bollard u mhux tingħata lilhom f'każ ta' bżonn. Il-Kunsill qabel li ċavetta għandha tingħata meta jkun hemm il-bżonn.

116.04 **Approvazzjoni tal-Management Letter u r-Risposta tal-Kunsill għal Management Letter 2023;**

Is-Sindku preżentat il-Management Letter u r-Rsiposta tal-Kunsill għal Management Letter 2023 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm

nuqqasijiet kbar u li ħafna minnhom se jiġu diskussi mall-accountant tal-Kunsill. Is-Segretarju għamlet rimarka fuq xi flus li l-Kunsill irid jieħu m'għand il-Wasteserv. Il-Kunsillier S Caruana propona li l-Kunsill għandu jibgħat ittra bl-avukat lill-kuntrattur minħabba dawn il-flus la kien minħabba nuqqas tiegħu li l-Kunsill mhux qed jieħu l-flus mingħand il-Wasteserv. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Is-Sindku proponiet sabiex dawn l-ittri jiġu approvati. Il-Kunsillier S Caruana ssekonda. Il-Management Letter u Risposta għal Management Letter ġew approvati minn dawk preżenti.

**116.05 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2024;**

Is-Sindku preżentat ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2024 fejn il-Kunsill għalaq l-ewwel tlett xhur tas-sena b'surplus ta' madwar 20K. Dawk preżenti approvaw dan ir-rapport.

**116.06 Skema ta' Parkeġġ Għar-Residenti – Resident Priority Parking Scheme;**

Is-Sindku għamlet referenza għall-iskema ta' parkeġġ li ser tibda topera mill-1 ta' Ġunju 2024 f'14 – il triq (in-naħa tal-ajruport), fejn ir-residenti ser jiġu mitluba jiksbu dan il-permess ta' parkeġġ billi jippreżentaw l-id card u kopja tal-logbook. Is-Sindku żiedet tgħid li b' din l-iskema ser jintaqqas l-abbuż ta' min iħalli l-vettura pparkjata għal diversi ġranet biex isiefru. Il-Kunsillier S Caruana qal li din l-iskema m'hiex kif kien talab l-Kunsill. Żied jgħid li meta kienu talbu lil-Kunsill biex jirranġa l-bye law, il-Kunsill kien emenda l-proposta li kienu preżentaw huwa flimkien ma' Mark Anthony Sammut li kien iservi kunsillier f'dak iż-żmien. Is-Sur Caruana kompla billi qal li nies qed tgerger ħabba din l-iskema u l-informazzjoni waslet għandhom permezz tal-mezzi soċjali u m'hemm l-ebda legal notice. Is-Sindku wieġbet li l-iskema hija ppublikata minn TM fuq il-website tagħhom u m'hemmx għalfejn tkun ppublikata bħala legal notice.

17.55hr M Micallef ingħaqdet fil-laqgħa.

Il-Kunsillier S Caruana qal wkoll li din il-problema tal-parkeġġ ser timxi f'toroq oħra li mhux parti mill-iskema.

Il-Kunsillier S Caruana propona li jkun hemm inkluż time parking ta' 3hrs/4hrs u tiġi estiza mat-toroq kollha.

**116.07 SPI/SC/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar Nodfa;**

Is-Sindku preżentat l-aplikazzjoni reltata mall-iskema SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar Nodfa. Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill japprova din ir-rizoluzzjoni u japplika għal din l-inizjattiva. Dawk preżenti qablu li l-Kunsill japplika għal din l-iskema.

**116.08 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

**116.09 Rapporti;**

Refer Item 116.5

**116.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali:** a. Ġnien Raymond Caruana – progress

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress

c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li xogħol fi Triq tal-Għolljiet huwa mistenni jibda matul dawn il-ġimgħat li ġejjin.

d. Proġett tal-Pjazza – progress

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li fil-jiem li ġejjin ser jitwaħħlu l-bollards u kif ukoll ser jiġu nstallati l-planters u l-bankijiet. Il-Kunsillier S Caruana staqsa dwar fejn se jmur l-ilma li jiġi minn Triq iż-Żebbuġa minħabba li ma sarx gutter quddiem il-Knisja. Il-Kunsillier S Caruana għamel ukoll referenza għal xi toqob tal-festa li ma sarux fejn kellhom jsiru sabiex dawn jiġu mressqa.

e. Proġett ta' Parkeġġ fi Triq Ħal-Resqun

f. Xogħlijiet fil-latrina ta' Ġnien Raymond Caruana

**116.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 62/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku M Micallef u sekondata mill-Kunsilliera A Amri Brincat għall-ammont totali ta' €89,291.91 u ġiet approvata nem con.

116.12 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa neqsin għoxrin ta' filgħaxija (6:40pm). Is-Sindku aġġornat l-aħħar laqgħa ta' dan il-Kunsill għal nhar it-Tnejn 24 ta' Ġunju 2024 fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum 24 ta' Ġunju 2024

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv